MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 212/2012

**AB**

**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt illi gie guramentat mir-rikorrenti;

Rat l-affidavits bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' April, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Gunju, 2003;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati sa mit-12 ta' Mejju 2006;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat illi l-partijiet kienu irrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment reciproku favur xulxin u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------